# ..... U fejjquh smajtx !

*(Ħrafa mill-Ingliż)*

Kull min għaraf id-dinja ilu li ntebaħ illi xogħol iebes u l-inbid imorru id f'id. Wieħed li jgħix bil-ħidma ta' dirgħajh u bil-għaraq li jxerred– u jekk jaħdem kemm għaraq ikollu jxerred—jkun irid xi duwa li twetih u jekk hemm xi mezz oħla milli jferra' din id-duwa minn għonq ta' flixkun ta' l-imbid, jew dan il-mezz għadu ma' nsabx jew fir-raħal tagħna ġewwa għadhom ma semgħux bih.

Iżda meta raġel ta' l-istrapazz jagħtiha għall-anizetta jispiċċa bil-għali. L-anizetta titla' fir-ras u wieħed irid ikun tassew kursal biex ilegleg l-anizetta u wara jiżloq minn idejn il-ġandarmi. Kieku jinzerta xi wieħed tal-qorti, xi skrivan jew xi tabib għandu mnejn jixrobha u barra mill-ħmura ta' mnieħru jżomm bla mibdula surtu ta' bniedem u jkun jaf kif għandu jagħmel biex itertaq qalb martu mingħajr ma jagħli. Iżda l-iżbozzi ma jafux bi ħlewwa. Meta jkollhom ġo fihom boqqa ġmielha ma jsibux biex jinqdew ħlief bil-ponnijiet, u f'kemm ili ngħidlek arahom għall-frisk fiċ-ċipp tal-għassa.

Miju l-landier kien wieħed minn dawn ta' l-aħħar. Ma għandniex xi ngħidu, għat-tiswija ta' xi stanjata mtaqqba jew xi kus qadim ħadd ma kien jagħmillu bżieq fuq imnieħru. Il-ħila ta' moħħu kienet, biex ngħid hekk, kollha fi truf subgħajh u ta' landier li kien, kien bieżel tassew.

Miju kien iħobbha l-qatra u sakemm kien iżomm ma' l-inbid kien ikun fih għaxqa. Wiċċu frisk bħall-ġiżimin filbidu tal-ħarifa u erħilu jgħanni qisu gardill fin-namra, ħobż jittiekel ma' kulħadd għalkemm, forsi xi waqtiet aħrax malħmar. Meta mbagħad kien iduq l-anizetta kemm ħsara kien jaf jagħmel kienet tibda tbaqbaq u tfawwar minn fih.

U kemm kien iħobbha l-mara meta rasu kienet taħbat tisħon bl-inbid u daqs hekk ieħor kien jaħqar il-ħmar. Meta kien ixomm l-anizetta, iżda, kollox kien jinqaleb. Lill-mara kien jisħtilha sad-dehra ta' wiċċha u jinfexx igħannaq u jbus il-ħmar bħal ħuh.

Ma' l-ewwel grogg kien jibda jgħanni. Mat-tieni jgħolli leħnu u aktar ma jżid fix-xorb aktar jiftaħ il-garġi. Meta l mara kienet tħoss leħnu qawwi jisboq iċ-ċekċik tal-landi u t-twerżiq u ż-żaqżiq tal-krikk tal-karettun hu u nieżel man-niżla, kienet taħtaf ix-xall u terħilha għall-erbgħa taqbeż il-ħitan u tofroq l-għelieqi sakemm tasal bla nifs ir-razzett t'ommha. Gie li ma laħqetx fil-ħin u Miju ma kienx jonqos li ma jdew-

waqhiex idejh bis-sħiħ biex titgħallem—kif kien iwissiha—li ma kellhiex titqanna b'raġel li rasu ma tiflaħx għall-qatra.

Din il-ħajja kien ilha sejra żmien. Grezz qisha għattuqa tal-kina, kienet tieħu t-tajjeb mal-ħażin; waħda tpatti għall-oħra. Qatt ma gemgmet u l-ġirien ma jindaħlux:–in-nisa għax jidhrilhom li jistħoqqilha la darba kienet toqgħodlu, u l-irġiel għax kollha kienu jifhmu li taptipa 'l mara dejjem tiswielha ġid.

Maż-żmien il-biċċa bdiet iddejjaq u tħasseb lil kulħadd Bdew jaraw li sa tispiċċa bil-għelt u jekk xi rmedju ma jinsabx, kien għad isir xi qtil. Lejla waħda, wara li Miju kien dilek il-mara xi ħaġa aqwa mis-soltu, Mari ż-żonqrija ġagħlitha tugżah lil tal-għassa. Miju weħel nofs lira u dik il-lejla tafa' kemm ġebel sab għat-twieqi ta' Mari u weħel lira u ħmistax il-xelin oħra tal-ħġieġ li kisser.

Trid iddum ittektek u traqqa, biex tifdi lira u ħmistax-il-xelin u għal xi xahrejn Miju qagħad ġwejjed qisu ħaruf. L-ewwel darba, iżda li raġa' daq l-imbierka aniżetta patta ta' kemmkien ilu kwiet fuq dahar il-mara. Il-ġandarm kien għassa tiegħu u waħħlu tletin skud u l-ispejjeż. Imbagħad weħel erbgħin skud, iħallashom jew xahar ħabs. Ma damx ma mar xahar ħobż u ġobon.

Ma swielu xejn. Xi xahar wara li ħareġ minn Kordin ġera ġirja wara l-mara, ixejjer is-saldatur fl-ajru u jheddidha li jgħattnilha rasha. Dam jiġri wrajha sar-razzett t'ommha, u kont tista' taħlef li kien joqtolha li kieku hi ma qabdetx l-eqreb trieq fil-waqt li hu beda jixxengel u jsarbat minn taħt ħajt għall-ieħor.

Billi jwaħħluh il-ħabs kien għal xejn. Twaħħlu l-flus agħar, għax hekk l-aktar li tbati l-mara, li kien għoddu qatilha bil-ġuħ. Ħadd ma seta' jsib mezz kif isewwi l-biċċa, ibda mill-kappillan u spiċċa fil-ġandarm tar-raħal. L-aktar li setgħu jittamaw kien li Miju għad joqtol lill-mara u lilu jgħallquh u jeħilsu minnu.

Kulħadd kien xaba' jittama meta jum fost l-oħrajn il-ħmar karkar lil Miju lejn id-dar mimli bix-xorb sa griżmejh. Anqas igħanni ma kellu ħila; lill-mara nsieha; ntelaq b'rasu mgħaddsa f'kitla tat-togħlija tal-ħwejjeġ u bit-tixjir ta' riġlejh rama jiżra' kemm stanjati u kzazel kellu fuq il-karettun mal-wisa' tat-trieq. Dam hekk għal xi żmien. Fl-aħħar tfarfar daqsxejn, bħal kelb mikul mill-briegħed, ta salt u żżerżaq minn fuq il-karettun, faqqa' bewsa bejn widnejn il-ħmar, tah daqqa ta' ponn fuq geddumu, gerger tnejn minn taħt ilsien, u daħal jixxengel id-dar wara li kien ta darbtejn is-salt biex

jidħol mill-isprall tal-kantina. Sab it-taraġ, kejlu kemm-il-darba, u, meta fl-aħħar wasal fuq, intafa' jonħor u jokrob fuq is-sodda bil-ħwejjeġ b'kollox.

Ħafna mill-ġirien kienu qegħdin jitgħaxxqu b'dawn il-kummidji minn fejn ma kien hemm ebda periklu. Xħin daħal marru warajh biex jaraw x'sa jagħmel. Il-mara, ma ngħidu xejn, kien ilha li għabet minn bejn il-ħarrub fil-għalqa ta' wara l-għorfa.

Ix-xitan ried li n-neputi tal-Kappillan kien ġie mill-kulleġġ għal xi jumejn. Is-Sur Ġanninu kien sabi mqareb ġmielu għalkemm diġa nofsu tabib. Daħal mal-qatta u kif sab ruħu fil-għorfa jħares lejn Miju ġieh ħsieb f'rasu. Mal-ħaġra t-tajn.

"Patist" qalli. Jiena kont daqsu miż-żmien u konna ninġiebu ħafna, ħabel u satal. "Nిżżel xi tnejn matnazzi miegħek isfel, ħalli nħejju xi ħaġa għal Miju għal xħin iqum". Għal hekk inżilna u middejna għonqna għal dak li qalilna Ġanninu.

L-ewwel ma għamilna żarmajna l-ħmar imbagħad neħħejna l-pernijiet mill-fusien u qlajna r-roti barra. "Issa" qalilna Ġanninu, "aqbdu x-xatba tal-karettun u tellgħuha fuq. Jekk tmejluha tgħaddi ħarir. Imbagħad tellgħu r-roti u qegħduhom f'posthom." Hekk sar. Ma naħsibx li qatt kien deher karettun ieħor f'kamra ta' fuq u nħallikom taħsbu x'dehra kien fih!

"Nixtieq inkun fejn narah xħin iqum!" għedt jien, "Mur ara kif jibqa' miblugħ."

"Stenna", qabeż Żeppu ċ-Ċawla, "jonqos il-ħmar." Ħarisna lejh għax ma stajniex nifhmu għall-ewwel, iżda malajr rajna li ma kienx qal biċ-ċajt. Wara xi żewġ dirsiet malkamra ħtafna l-ħmar u ġarrejnieh 'il fuq mat-taraġ u konna naslu bis-sliema li ma kienx għax Karmnu l-Mejxu nesa li l-ħmir jagħtu biż-żewġ u tilef iż-żewġ sinniet ta' quddiem!

Bejn it-tmellis u bejn is-swat fl-aħħar il-ħmar kien bejn il-lasti, imqammat bix-xedd b'kollox u b'rasu lejn is-sodda. Xħin ittawwalna mill-bieb tal-għorfa nfqajna bid-daħk u d-dmugħ beda nieżel wied minn għajnejna.

Għandkom mnejn rajtu xi darba xi dgħajsa żgħira mgħammra bil-qlugħ b'kollox f'xi flixkun tal-ħġieġ. In-nannu kellu waħda u fi tfuliti ma kontx nistagħġeb ftit kif dik id-dgħajsa daħlet hemm. Bħali kien jiġrilu min kellu x-xorti jara l-ħmar ta' Miju bil-karettun b'kollox f'dik il-għorfa. Aħna li għamilna l-borma bil-kemm stajna nemmnu dak fi konna qegħdin naraw u għoxejna nħarsu lejh. Il-ħmar xejn ma ħadha bi kbira. Medd geddumu għall-erba' tibniet li kienu jittawwlu minn tiċrita fil-mitraħ.

"Issa ninżlu isfel l-aħwa," qal Ġanninu. "Il-ħmar mhux sa jagħmel ħsara u aħjar nistennew sakemm Miju jistenbaħ."

"Imqar jekk indum nistenna ġimgħa," qal Żeppu, "għors bħal dan ma nitilfux."

Kulħadd sab rokna fil-kċina, min qabbad il-pipa u min heda f'xi ħaġa oħra, nistennew il-ħin għaddej. Kien ilna daqqa ta' sagħtejn meta ħassejna xi ħaġa tiċċaqlaq fuq rasna u mbagħad karba jew tnejn.

"Qiegħed igħaddilu" qal Ġanninu b'sebgħu fuq imnieħru. Qabad tiela' t-taraġ fuq ponot subgħajh u aħna warajh.

X'ħin xrifna għal ġewwa, il-ħmar kien magħad it-tiben kollu li sata' jiġbed mill-mitraħ u aktar minn nofs il-ħasira u issa kien qiegħed ixammem wiċċ Miju, u dan ixejjer b'idejh fil-vojt bħallikieku biex ikeċċi xi dubbiena fitta li ma taqlagħha b'xejn. Dak il-ħin il-ħmar rama' jilgħaq dawk l-erba' lanżitiet fil-quċċata ta' ras Miju, mħabblin u mżebblin qishom xkupa li tkun ilha li għamlet żmienha. Fl-aħħar il-ħmar sammar snienu fit-troffa u ġibed. Mal-ħasda Miju joħroġ il-ponn u jieħu il-ħmar fuq geddumu. Il-ħmar rtafa' fuq saqajh ta' wara bis-salt u fetaħ il-ħoġor tat-tieqa b'rota tal-karettun u għamel ħsejjes qisu waslet l-aħħar tad-dinja. U Miju erħilu jogħrok għajnejh u jħares ma' dwaru. Ħares bħal wieħed belhieni lejn il-ħmar, ħataf ir-riedni f'idejh, ġibed b'kemm kellu saħħa u "Inqala' minn hemm, ja għafrit" qallu. "Hemm x'inżilt tagħmel fil-gandotti. Xi l-mniefaħ għodost tagħmel ? Li kont issib tromba terfgħek !" werżaq. Irtafa' fuq minkbu u beda jifli l-kamra, għajnejh jimxu minn fuq ħaġa għall-oħra sakemm waslu fuq il-ħmar u l-karettun. Dam ftit ċass, għajneih imsammrin fuq il-bhima ta' quddiemu. F'daqqa waħda sidru ntefaħ u niżel sobtu u ħarġet minnu twerżiqa maħnuqa; tgerbeb minn fuq is-sodda għan-naħa l-oħra u għodos bħal fenek imgerrex taħtha u weħel hemm, għajta tilħaq l-oħra donnu barri dieħel il biċċerija.

Aħna bdejna nrossu l-ġewwa. Ġanninu qabeż kif sata' minn fuq il-karettun u ġibed lil Miju minn taħt is-sodda.

"X'ġara ?" qallu. "Għidilna xi ġralek f'ġieħ kemm hemm, ġenġilt raħal bil-għajjat ! "

"Jaħasra, Sur Ġanninu" beda jtemtem iggranfat miegħu, "ma tarax Brejbes.. Brejbes ! Għamilhieli Brejbes; baqa' dieħel id-dar warajja u tellagħli l-ħmar hawn fuq. Jaħasra isa, igri malajr għal qassis. Iġri ġib 'il zijuk ħalli jiskunġrah u jekk ma ssibux ġib imqar abbati, jew għal bżonn is-sagristan igħodd ukoll..... Ajma !....Sinjur eħlisna mit-tiġrib. Santa Barbara la deni u l-anqas ħsara!....Ajma ! ajma...." u nfexx jibki u jitlob f'ħin wieħed.

"Isa, fittxu morru xi ħadd għal Dun Ġużepp," għedt jien, għax ma xtaqtx nitlef il-festa. "Issa ġiet ix-xoqqa f'moxtha li nġegħluh ibiddel ħajtu."

Għalhekk Ġomu ġera għall-Kappillan u aħna bqajna hemm nisimgħu lil Miju jgħid il-ġakulatorji li ommu kienet għallmitu fi tfulitu u li mhux żgur kien qalhom darba minn erbgħin sena 'l hawn. Aktar ma beda għaddej il-ħin aktar beda jiġi f'sessih, u aktar ma ċ-ċpar ta' l-aniżetta beda jtir, aktar beda jxoqq il-għaraq għalih, sakemm wasal li biex ma jaħrabx mill-kamra kellna nżommuh tnejn minna b'saħħitna kollha.

Fl-aħħar stama ħoss isfel. "Hawn hu Dun Gusepp", qal xi ħadd. Iżda ma kienx hu; kien is-surġent. Għarafnieh minn leħnu jdamdam mad-dar kollha qisu bumbardun.

"Mela hekk irid igħid li l-ħmar tala' warajh fil-għorfa!" kien qiegħed igħid. "Qatt stemgħet praspura bħal din? Is-saħta tax-xorb qiegħda taħdem fih."

"Inti għax ma titlax tkellmu int?" qabeż Ġomu.

"Nitla'! x'irid ikun?" qal is-surġent b'leħen sod. U beda tiela' t-taraġ, iriegħed id-dar ma' kull tarġa' li jirfes. Hekk kif rifes fil-għorfa u lemaħ il-ħmar armat fil-karrettun ħaġa li qatt ma basarha—tgerrex hekk bl-ikreh li ma kienx baqa' wisq x'tagħżel bejnu u bejn Miju, għax għalkemm kien raġel daqs ġorf u jinqala' biżżejjed biex ikarkar xi sikran lejn l-għassa jew biex ifieraq xi żewġ nisa jiġġieldu, bil-lejl kien jibża' minn dellu u ma kienx joħroġ jekk ma kienx jkollu tal-anqas żewġ ġandarmi jwennsuh, l-anqas jekk jaf li jirduppjawlu l-paga.

Imma billi ra 'l kulħadd iħares lejh, qawwa qalbu kif sata', qam qawma fuq tiegħu u jħares biċ-ċiera lejn Miju qallu: "Dan il-għerq fa' ħmar kif tellajtu hawn?"

"Afli, jaħasra mhux jien surġent; Brejbes għamilhieli" wieġeb Miju jħabbat snienu bħal ċuqlajta. "Naf li kont fuq il-karettun nieżel man-niżla. Ħdejn ix-Xatba l-Ħamra smajt ragħda ddur ma rasi, donnu kemm laned u stanjati hawn fid-dinja kienu qegħdin jaqgħu ma' dwari. F'leħħa ta' berqa sibt ruħi hawn, bil-ħmar iġebbed f'xagħri donnu qiegħed ilaqqat qabda furrajna. Jaħasra ibgħat għal Dun Ġużepp għax inħoss ruħi trid taqbeż b'saħħa."

"Ma tagħmlux ħażín kieku jmur xi ħadd għalih," qal is-surġent fil-waqt li radd is-salib bil-moħbi. "Sadattant jien ngħarbel ftit l-affari." Ħareġ karta u lapes u wara li xarrab il-ponta tal-lapes, "Kellek xi qatra meta ġara dan?" staqsa lil Miju.

"Jista' jkun li kelli xi żewġ belgħat, iżda l-ħmar ma daqx xorb; kien f'sessih daqsek, u arah hawn hu wkoll."

"Hekk hu," ċaqlaq rasu is-surġent. "Il-gażiba hi kif ix-xjaten—Sinjur aħfirli!—kif il-ħmar jinsab hawn. Newwel dik il-lasta Ġom, ħalli nargħiblu l-fatt sewwa qabel ma ngħarraf lil l-ispettur."

Medd il-lasta fid-daħla tal-bieb u jżomm b'sebgħu l-kbir biex ma jitlifx il-qies tal-bieb, mar ikejjel il-karettun u aħna nżommu kemm nistgħu biex ma nidħkux.

"Il-karettun ma jgħaddix mil-bieb," beda jgerger u jħokk rasu s-surġent mifxul x'ser jibda jniżżel fuq il-karta. "Ħalli nara t-tieqa."

"Ma hemmx għalfejn surġent, tista' tara li l-anqas il-ħmar ma jgħaddi, aħseb bil-karettun miegħu!" indaħal Ġanninu.

"U x'għandek xi tgħid fuq il-ksur tat-tieqa. Miju?"

"Jien ħallejtha sħiħa dalgħodu, qisha qiegħ ta' kitla ġdida. U dan għalfejn trid tafu? Minn hemm anqas denb il-ħmar ma jgħaddi aħseb u ara l-ħmar bil-karettun b'kollox. Le, le, minn hemm ma daħalx," wieġeb mbergħen Miju.

"Nerħulha t-tieqa," qal is-surġent. "Hawn xi toqba oħra fil-kamra?"

"Hemm il-katusa tal-minfaħ:" qabeż Ġanninu. "Aħjar tif-liha sewwa surġent, għax igħidu li tas-setta minnha jgħaddu meta jindilku, u xejn ma trid biex Brejbes inqeda b'xi wieħed minnhom!"

"Jista', jista' jagħti l-kas li kien hekk; ħadd ħlief Brejbes ma sata' jdaħħal il-ħmar mill-katusa!".... u niżżilha fil-ktieb ukoll.

L-isem ta' Brejbes ta' kull darba beda jwerwer lil Miju; ma felaħx iżjed, beda jingħi. "Kemm sa jdum ma jasal il-kap-pillan, żgur ma nwassalx sa kemm jiġi. Iġru xi ħadd qabel ma jilħqu jġorruni l-frieghen!"

"Hekk ħadd ħlief ix-xitan ma għamilha din il-biċċa", kien għadu jixtarr waħdu s-surġent.

"U le, surġent," tenna Ġanninu. Ngħid jien x'kellu bżonn joqgħod jitħabat Brejbes? Ruħ Miju ilha tiegħu; ma kellux biża' li jitlifha!"

"Forsi xaba' jistenna. Darba kien joqgħod wieħed raġel ta' qattagħni f'dik id-dar—illum ħerba—f'tarf ir-raħal ħdejn is-sienja, u lejla waħda, kienet tgħid in-nanna, wara li daħal jorqod insemgħu ħsejjes kbar: dak ir-raġel ma deherx iżjed...."

Ma laħaqx kompla għax dak il-ħin kien għaddej mit-trieq wieħed tal-ħaxix bil-ħmara u malli xammu l-ħmar ta' Miju beda jinħaq b'kemm kellu ħila.

"Rajtux kif beda jiddejjaq!" qal Ġanninu. "Sa jagħmel tiegħu Brejbes."

Miju li kien qiegħed jibla' kollox, ma felaħx iżjed. Intafa' wiċċu l-isfel fuq is-sodda u beda jgħajjat għajta fl-art u oħra fl-ajru. Fil-waqt daħal il-kappillan bil-mara ta' Miju u ommha warajh, għax ix-xniegħa kienet xterdet ġmielha.

Hekk kif il-mara ta' Miju rat dik id-dehra bdiet twerżaq aktar minnu, u bdiet tagħti fuq rasha u tixher bħal miġnuna.

Ommha, iżda, tajjret l-għonnella minn fuq rasha, fetħet idejha f'wiċċ Miju donnhom żewġ imriewaħ, u bdiet tgħajjat b'ħalq ta' ċerna. "Rajtx ja mażun. Kienx ili ngħidlek li għad iġorruk ix-xjaten? Hix tbeżbiża biżżejjed din? Inżel għar-kubbtejk, ja tork, u iżżiħajr lill-qaddisin kollha li għadek hawn. Isa, fittex agħmel wegħda li tbiddel ħajtek il-ħażina li għandek, ja ħatba ta' l-infern!... Sur kappillan ara jaħasra x'tista' tagħmel għalih; ngħid għalija nagħti wiżintejn xama' biex tixgħelhom quddiem in-niċċa ta' San Gawdenz, daqs kemm tlabtu bil-qalb u semagħni tarax!"

Il-kappillan, raġel li kien jaf id-dinja x'tagħti, fliena wieħed wieħed b'għajnejh iżebbġu minn wara iż-żġieġ tan-nuċċali, u meta ħares lejn Ġanninu—ma nafx żgur, iżda hekk dehirli—li għemżu kemm kemm. Imbagħad dar lejn ix-xiħa u qal: "Isma' Mari, miniex żgur jekk hawn ġew sarx miraklu illum, għax il-knisja mhux għalkemm taqtagħhom bċejjeċ bħal dawn, iżda jekk tħalluni waħdi ma' Miju naħseb li nkun nista' nagħmel xi ħaġa għalih. Issa morru isfel kulħadd u ħalluna weħidna."

Wara li kien ilna xi siegħa isfel feġġ il-kappillan u Miju b'geddumu mgħaddas fuq sidru, nieżel warajh.

"Mari, morru inti u bintek u iġbru lil Miju magħkom ir-razzett. Hemm bżonn li din id-dar tintebaq u tinqafel u ma jidħol ħadd iżjed fiha sa fil-għodu u meta terġgħu tiġu taraw kif il-ħmar ikun sab postu band'oħra." U jħares lejn Ġanninu l-kappillan kompla: "Ħu ħsieb agħlaq id-dar Ġanninu, u ġibli l-muftieħ". Ġanninu ħarrek rasu biex juri li fehem.

"Wiegħdek hux sur kappillan li ma jduqx xorb iżjed u inti żgur li jżomm kelmtu?" qabżet Mari. Għax jekk jilħaq joħroġ il-ħmar mill-għorfa qabel ma Miju jilħaq jagħti l-kelma tiegħu, ibqa' żgur li jarġa' għal li kien."

"Iva, wiegħed li ma jduqhiex iżjed l-anieżetta; fuq l-inbid ma tantx rassejtu, ħallejtu li jista' jduqu xi darba 'l hawn u 'l hemm."

"Ma għamiltx sewwa" qabżet f'wiċċu l-kunjata ta' Miju donnha għafrit. "Kolloxjkellek iżżommlu. Xejn xorb iżjed".

"Isma binti", wieġeb biered, biered il-kappillan, "għedtil-kom mill-ewwel li mhux sa naqtagħha kif ġieb u laħaq jekk

hawn il-lejla sarx miraklu jew le. Ħaġa waħda biss ingħid li fil-ħamsin sena għomor li għandi, qatt ma naf li fir-raħal saru żewġ mirakli f'ħin wieħed!...."

Ġużeppi M. Spiteri

19 - 1 - 37.